Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Mejju 2026**
**(OR. en)**

**9080/26**

**SOC 246**
**EMPL 110**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol<br>Ħatra tas-Sa Blanka ŠEFRÁNKOVÁ, membru għaċ-Ċekja, minflok is-Sa Vladimíra DRBALOVÁ, li rriżenjat<br>*- Adozzjoni* |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Vladimíra DRBALOVÁ, bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni msemmija hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem (għaċ-Ċekja).

2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75[1], il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

[1] ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, l-organizzazzjoni ta' min iħaddem BusinessEurope ddeżinjat lis-Sa Blanka ŠEFRÁNKOVÁ għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027.

4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mitlub jagħti parir lill-Kunsill biex:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, kif tinsab fid-dokument 8955/26, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.